MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2011

Numru. 742/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Tracey Azzopardi**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Tracey Azzopardi detentrici tal-karta tal-identita` numru 131681(M).

Akkuzata talli fi Frar 2010 u fis-snin immedjatament precedenti f'dawn il-Gzejjer,
B'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih nnifsu jew ghal haddiehor, f'dokument mahsub ghal awtorità pubblika u cioè lid-Dipartiment tal-

VAT, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-valur mizjud skont l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, fi Frar 2010 u/jew f'xi data li tigi qabel, f'dawn il-gzejjer, xjentement ghamel denunzja, dikjarazzjoni jew ta taghrif li kien jaf li mhux korrett u/jew qarrieqi f'rigward materjali u dan bi ksur ta' Artikolu 77(b) ta' Att Nru. XXIII dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u

Talli wkoll fl-istess data, lok u cirkostanzi ghamel u/jew ghen sabiex jigi ffalsifika dokument li jinhtieg li jinzamm taht dan l-Att u dan bi ksur ta' Artikolu 77(c) tal-imsemmi Att, u

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi uza fattura jew dokument dwar provvista li juri li ghandu tithallas ebda taxxa fuq dik il-provvista meta kienet taf li ma ghanda tithallas ebda taxxa jew li t-taxxa li ghanda tithallas kellha tkun anqas min dik murija, jew zidet ma' prezz u/jew inkludiet fi prezz ammont li juri li jirraprezenta xi taxxi li fil-fatt ma kienx dovut jew li kien ghola mit-taxxa dovuta u dan bi ksur ta' Artikolu 77(g) tal-imsemmi Att.

Giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika artikolu 77 tal-Att u timponi multa li tammonta daqs ghaxar darbiet it-taxxa perikolata, liema somma tammonta ghal €22, 104.90.

Aktar talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 21.11.2007 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula, ai terminu tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti pprezentati, inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja, u l-ezami tal-imptuat fejn irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali

ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Ghaldaqstant, u wara li rat l-Artikoli 188, 49 u 50 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 77(b)(c)(g) tal-Att Dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud qed issib lill-imputat Tracey Azzopardi hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u tikkundannah multa ta' ghaxart elef Ewro (€10,000).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------